

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-7 ta' Ottubru 2014 – Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-399/12) ⁽¹⁾

Rikors għal annullament — Azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea — Artikolu 218(9) TFUE — Determinazzjoni tal-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea f'organu stabbilit minn ftehim internazzjonali — Ftehim internazzjonali li ma hijiex parti kontraenti fih l-Unjoni Ewropea — Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dwieli u tal-Inbejjed (OIV) — Kunċett ta' "atti li għandhom effetti legali" — Riżoluzzjonijiet tal-OIV

(2014/C 421/03)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: T. Henze, B. Beutler u N. Graf Vitzthum, aġenti)

Partijiet intervenjenti insostenn tar-rikorrenti: Ir-Repubblika Ċeka (rappreżentanti: M. Smolek, E. Ruffer u D. Hadroušek, aġenti), il-Gran Dukat tal-Lussemburgu (rappreżentant: P. Frantzen, aġent), l-Ungerija (rappreżentanti: M. Z. Fehér u K. Szijjártó, aġenti), ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi (rappreżentanti: M. Bulterman, B. Koopman u J. Langer, aġenti), ir-Repubblika tal-Awstrija (rappreżentant: C. Pesendorfer, aġent), ir-Repubblika Slovakkja (rappreżentant: B. Ricziová, aġent), ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (rappreżentant: J. Holmes, barrister)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: E. Sitbon u J.-P. Hix, aġenti)

Parti intervenjenti insostenn tal-konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Erlbacher, B. Schima u B. Eggers, aġenti)

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja hija kkundannata għall-ispejjeż.
- 3) Ir-Repubblika Ċeka, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, l-Ungerija, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika Slovakkja, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU C 343, 10.11.2012.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tat-2 ta' Ottubru 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Gerechthof te 's-Hertogenbosch – il-Pajjiżi l-Baxxi) – X vs Voorzitter van het managementteam van het onderdeel Belastingdienst/Z van de rijksbelastingdienst

(Kawża C-426/12) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 2003/96/KE — Tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku — Artikolu 2(4)(b) — Prodotti ta' enerġija b'użu doppju — Kunċett)

(2014/C 421/04)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Gerechthof te 's-Hertogenbosch